# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 30 ta' Lulju 2001**

**Citaz.  numru:  56/97 M5 NA**

**Mary Abdilla**

**vs**

**Mario Abdilla**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors tal-konvenut tal-25 ta' Awissu 1999 fejn jitlob lill-Qorti biex ikun ezonerat milli jkompli jhallas alimenti ghall-martu u ghaz-zewg uliedu minuri kif kien gie kkundannat ihallas mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-ammont komplessiv ta' Lm140.  Ir-raguni principali ghal din it-talba hija li fil-waqt li fiz-zmien tad-digriet tas-Sekond'Awla kien impjegat *full-time* f'Casa Arkati l-Mosta, llum tilef dan ix-xoghol u minn April tal-1999 ghandu biss xoghol *part-time* fl-Isptar Zammit Clapp.

Ghal dan ir-rikors saret ir-risposta ta' l-attrici fl-1 ta' Ottubru 1999 fejn titlob lill-Qorti thalli l-manteniment kif inhu jew li jizdied tenut kont taz-zmien li ghadda minn meta inghata d-digriet fuq citat. Hemm ukoll talba fir-risposta biex il-manteniment jinqata' direttament mis-salarju tar-rikorrenti. Il-Qorti sejra mill-ewwel tiddisponi minn din l-ahhar talba billi tichadha mhux biss ghax legalment jidhrilha illi hija insostenibbili almenu *pendente lite* izda wkoll ghax fattwalment hlief ghal xi okkazzjoni rari jirrizulta bhala fatt illi r-rikorrenti dejjem hallas il-manteniment dovut.

Fis-seduta tal-21 ta' Dicembru 1999 ghal liema data kien appuntat ir-rikors ma deher hadd, filwaqt illi fit-12 ta' Mejju 2000 la deher ir-rikorrenti u anqas id-difensur tieghu. Fid-9 ta' Novembru 2000 invece xehed ir-rikorrenti li rega' xehed fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2001 fejn xehed ukoll Giuseppi Camilleri li mieghu r-rikorrenti jaghmel xi xoghol *part-time*. Finalment fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2001 xehdet l-attrici, il-partijiet iddikjaraw li ma fadlilhomx aktar provi w ir-rikors gie differit ghad-digriet kamerali li sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tapprezza bis-shih is-sentimenti ta' l-attrici moghtija fix-xhieda taghha u taqbel perfettament maghha sew f'dak li dehrilha ghandhom ikunu d-doveri ta' missier li jgib it-tfal fid-dinja sew fil-bzonnijiet li jista' jkollhom zewgt itfal ta' l-eta' tal-minuri in kwistjoni. Tistqarr ukoll li hija kwazi skandalizzata bit-talba tar-rikorrenti biex ma jhallas <u>ebda</u> forma ta' manteniment nonostante li ghandu zewg *jobs part-time*.

Dan nonostante, pero', anke f'dan il-process il-Qorti trid tiddeciedi mhux fuq is-sentimenti izda fuq il-provi li gew prodotti. Minn dawn il-provi jirrizulta illi verament ir-rikorrenti llum ghandu xoghol *part-time* fl-Isptar Zammit Clapp b'introjtu nett ta' circa Lm180 fix-xahar (Dokument "DEW2" a fol. 32). Ghandu wkoll introjtu ta' circa ta' Lm20 ohra fix-xahar mix-xoghol *part-time* l-iehor skond kif jirrizulta mix-xhieda prodotta. Jekk huwa minnu illi r-rikorrenti jahdem ukoll *part-time* ma' diversi nies ohra kif tallega l-attrici u mhux biss ma' Giuseppi Camilleri ta' dan ma gabet ebda prova f'dan l-istadju u ghalhekk din l-allegazzjoni ma tistax tigi kkunsidrata.

Konsiderat dan kollu minkejja illi strettament il-Qorti setghet cahdet it-talba kif imposta dehrilha illi, fl-interess tal-gustizzja, kellha tilqa' t-talba limitatament billi mill-1 ta' Awissu 2001

tirriduci l-alimenti pagabbli *pendente lite* sakemm l-introjtu tar-rikorrenti ma jitbiddilx u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li jista' jigi deciz fis-sentenza finali.  Ghal dawn ir-ragunijiet minn din id-data l-alimenti huma ridotti ghal sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar ghall-mara u sittin lira Maltin (Lm60) ghall-minuri, total ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) minn *income* nett tar-rikorrent ta' circa mitejn lira Maltin (Lm200) netti fix-xahar.

L-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.